MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1123/2003

**Gasan Enterprises Limited
vs**

**Vincent Fenech f'ismu propju u ghan-nom tas-azienda Westminster Taxi and Mini Bus Service**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Gunju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' elf u erbgha u ghoxrin lira Maltija u zewg centezmi (Lm1024.02) dovuti skond sitt (6) kambjali li gew iffirmati minnu u li skadew fl-20 ta' Dicembru, 2002, fl-20 ta' Jannar, 2003, fl-20 ta' Frar, 2003, fl-20 ta' Marzu, 2003, fl-20 ta' April, 2002,u fl-20 ta' Mejju, 2002, izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi interpellati, u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Marzu, 2003 u tal-parir hmistax-il lira Maltija (Lm15.00) kontra l-konvenut u bl-imghax kontra l-**

**istess konvenut mid-data ta' kull skadenza, ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra n-nota tas-socjeta` attrici prezentata fit-18 ta' Gunju, 2003, li biha ceda l-atti tal-kawza billi sar il-pagament mitlub fl-avviz waqt il-mori tal-kawza, izda zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar il-meritu, jikkundanna lill-konvenut propio et nomine jhallas lis-socjeta` attrici l-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Marzu, 2003 u tal-parir (lm15.00).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------